MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 190/2013

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1) Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata gewwa l-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, gewwa l-Furjana fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989);
2) Illi, minn dan iz-zwieg twieldet tifla, fit-tnejn ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disghin (2/10/1990), bl-isem ta' M B, u ghalhekk illum il-gurnata hija magorenni;
3) Illi r-rikorrenti u martu l-intimata sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Nicholas Briffa,

datat sitta u ghoxrin ta’ Settembru tas-sena elfejn u sitta (26/09/2006), liema kopja awtentikata mill-imsemmi nutar tal-kuntratt ta’ separazzjoni tinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;

4) Illi llum il-gurnata m’hemm ebda prospett li r-rikorrenti jirrikoncilja mal-intimata martu stante li ilhom ghal kwazi seba’ (7) snin separati minn xulxin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

5) Illi, in oltre, r-rikorrenti ma ghandu l-ebda pendenza rigward il-manteniment f’dan l-istadju stante li l-partijiet kienu ddekadew b’mod reciproku li jhallsu manteniment lil xulxin, mentri l-manteniment ghall-bint ir-rikorrenti dejjem thallas sakemm din kienet ghadha minuri;

6) Illi, in oltre, r-rikorrenti ma dan ir-rikors qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu (Dok. ‘B’);

7) Illi r-rikorrenti jixtieq jiddivorzja u jaqbel li z-zwieg tieghu mal-intimata ghandu jigi mahlul;

8) Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnu u l-intimata martu, C D u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li dina il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li in forza taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta Ottubru 1989, u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta’ M B nhar it-tieni (2) t’Ottubru, 1990 li illum hija maggorenni;

2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet sseparaw legalment b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor

Nicholas Briffa sa mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

3. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

4. Illi l-esponenti tirrileva illi m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;

5. Illi ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissodisaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din il-Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

Tant x'ghandha umilment x'tissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Settebmru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------